MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 634/2014

**Independence Marine Limited**

**Vs**

**Nextoy Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas ta' hamsa u hamsin elf erba' mija u hamsa u tmenin ewro (€55,485) rapprezentanti rifuzjoni ta' Taxxa Fuq il-Valur Mizjud li l-attrici hi ntitolata ghalih skond skrittura datata 2 ta' Lulju 2013 (Dok. IM1), u liema ammont kellu jithallas meta l-konvenuta tircievi l-hlas minghand id-Dipartiment. Ammont li fil-fatt thallas mid-Dipartiment.

L-attrici ssostni li l-konvenuta m'ghandhiex difiza xi tressaq.

Ghaldaqstant, talbet lill-qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12.
2. Tiddikjara li l-konvenuta hi debitrici tal-attrici fis-somma ta' hamsa u hamsin elf erba' mija u hamsa u tmenin ewro (€55,485), kif spjegat hawn.
3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u hamsin elf erba' mija u hamsa u tmenin ewro (€55,485).

Fis-seduta tal-lum deher biss l-avukat tal-kumpannija konvenuta li ddikjara li m'ghandux ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija. Talab ukoll il-permess tal-qorti sabiex il-konvenuta tiddefendi l-kawza ghal dawn ir-ragunijiet:

1. L-ammont m'huwiex cert, likwidu u dovut;
2. Qabel giet prezentata l-kawza ma saret l-ebda nterpellazzjoni ghall-hlas min-naha tal-attrici;
3. Id-dghajsa oggett tal-ftehim IM1 ghandha difetti u ghalhekk hemm lok ta' rikonvenzjoni.

Fl-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2013 (Dok. IM1) jinghad:

*"In the event that Nextoy receives from the VAT Department the amount of eighty one thousand Euro (€81,000) as a VAT Refund from the transaction relative to the sale of the Yacht as aforesaid, Nextoy shall with immediate effect transfer the said amount to Independence. The buyer constitutes himself as personal guarantor for the said payment by Nextoy to Independence".*

M'huwiex kontestat li l-kumpannija Nextoy irceviet is-somma ta' €55,485 minghand id-Dipartiment tal-VAT, rifuzjoni ta' Taxxa Fuq il-Valur Mizjud dwar in-negozju relatat mad-dghajsa Nextoy.

Il-kuntratt hu car u ma jhalli l-ebda lok ghal xi dubju li rifuzjoni ta' VAT ghandha tithallas lill-attrici. Id-difensur tal-konvenuta semma li l-attrici talbet il-hrug ta' mandat kawtelatorju fl-ammont ta' €81,000 u llum qeghda titlob is-somma ta' €55,485 u ghalhekk l-ammont m'huwiex cert, likwidu u dovut. Il-qorti ma taqbilx. L-attrici m'hijiex tilob ammont ikbar minn dak li jissemma fil-kuntratt, u m'hemmx kontestazzjoni li d-Dipartiment irrifonda Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fir-rigward tad-dghajsa Nextoy.

Ghal dak li jikkoncerna:-

1. **l-ispejjez**, l-argument li ghamel id-difensur tal-attrici m'ghandux japplika in kwantu l-kumpannija konvenuta ma rregistratx ammissjoni.

2. **l-allegat difetti**, ma tressaq l-ebda element li jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li *prima facie* hemm bazi biex tigi proposta rikonvenzjoni. Fil-fehma tal-qorti biex parti tissodisfa dak li titlob il-ligi m'huwiex bizzejjed li taghmel dikjarazzjoni. Ghandha obbligu li tissostanzja dak li jinghad sabiex il-qorti tkun tista' tasal ghal konkluzjoni li fuq bazi ta' *prima facie* hemm verament lok li l-konvenuta tressaq eccezzjonijiet jew taghmel rikonvenzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tilqa' l-ewwel talba u konsegwentement tilqa' t-tieni u tielet talbiet tal-kumpannija attrici. Ghaldaqstant, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' hamsa u hamsin elf erba' mija u hamsa u tmenin ewro (€55,485), bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat (22 ta' Awissu 2014). Spejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------